# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, l-Erbgha, 2 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 53.
Citazz. Nru. 2882/97 JRM

**PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED**

**vs**

**Mark VANDEPUTTE f'ismu proprju u bhala Managing Director ta' S. SCAPE MARKETING**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici bdiet taghmel xoghol ta' reklamar lill-konvenut fuq l-istazzjon televiziv taghha TVM skond kuntratt tat-8 ta' Mejju, 1997, Dok. A hawn anness; u

Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef u tletin lira maltija Lm5030 ghal tali xoghol;

Illi nonostante mandat ta’ qbid u ta’ sekwestru prezentati fit-12 ta’ Dicembru, 1997, dana baqa in adempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef u tletin lira maltija Lm5030 kif fuq imsemmi;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru prezentati fit-12 ta’ Dicembru, 1997, u bl- ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut proprio et nomine li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut proprio et nomine tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef u tletin lira maltija (Lm5030) kif fuq imsemmi, bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru prezentati fit-12 ta’ Dicembru, 1997, bl-ispejjez kontra l-konvenut proprio et nomine.

*2 ta’ Mejju, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**2 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Mejju, 2001.**